



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 1.7.2015
JOIN(2015) 27 final/2

2015/0143 (NLE)

This document replaces JOIN(2015)27 final of 1.7.2015
Downgraded on 7.4.2022
Concerns all language versions

The text shall read as follows:

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

- (1) Fit-2 ta' Marzu 2011 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, biex jiġu implimentati l-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2011/137/PESK tat-28 ta' Frar 2011.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) XXX/2015 lestiet rieżami tal-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Annessi II u IV tad-Deċiżjoni 2011/137/PESK. Permezz ta' din id-Deċiżjoni l-miżuri restrittivi imposti mid-Deċiżjoni 2011/137/PESK, kif emendata, jiġu wkoll ikkonsolidati fi strument legali ġdid. Ir-Regolament 204/2011 qed jiġi emendat sabiex jittieħed kont tal-elementi rilevanti tad-Deċiżjoni (PESK) XXX/2015
- (3) Hemm bżonn azzjoni ulterjuri mill-Unjoni sabiex din l-emenda tiġi implimentata.
- (4) Għalhekk, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jipproponu li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 204/2011 skont dan.

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/137/PESK tat-28 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja¹,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 204/2011² jimplimenta ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2011/137/PESK.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) XXX/2015 lestiet rieżami tal-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Annessi II u IV tad-Deċiżjoni 2011/137/PESK. Permezz ta' din id-Deċiżjoni l-miżuri restrittivi imposti mid-Deċiżjoni 2011/137/PESK, kif emendata, jiġu wkoll ikkonsolidati fi strument legali ġdid. Hija meħtieġa emenda teknika fir-Regolament 204/2011 biex jallinja ruħu mad-Deċiżjoni (PESK) XXX/2015.
- (3) Din l-emenda taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex tiġi implimentata, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.
- (4) Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 jiġi emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 3(2), il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

¹ ĠU L 58, 3.3.2011, p. 53.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 204/2011 tat-2 ta' Marzu 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU L 58, 3.3.2011, p. 1).

"(c) l-għoti ta' assistenza teknika, finanzjament jew assistenza finanzjarja marbuta ma'

- (i) tagħmir militari, inklużi armi u materjal relatat li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu (b) u intiżi biss għas-sigurà jew bħala assistenza għad-diżarm għall-Gvern Libjan, kif approvat bil-quddiem mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet;
- (ii) tagħmir militari mhux letali intiż biss għas-sigurà jew bħala assistenza għad-diżarm għall-Gvern Libjan;"

Artikolu 2

- (2) Fl-Artikolu 8(1), il-frażi tal-bidu tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"B'deroga mill-Artikolu 5, fir-rigward ta' persuni, entitajiet jew korpi elenkati fl-Annessi II u VI, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif elenkati fl-Anness IV, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:"

- (3) L-Artikolu 8(1)(c) jinbidel b'dan li ġej:

“(c) il-garanzija jew is-sentenza mhix għall-benefiċċju ta' persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness II jew III;”

- (4) L-Artikolu 8(2)(c) jinbidel b'dan li ġej:

“(c) id-deċiżjoni ma tkunx għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness II jew III;”

- (5) L-Artikolu 8b(2)(a) jinbidel b'dan li ġej:

“(a) l-awtorità kompetenti kkonċernata stipulat li l-pagament ma jiksirx l-Artikolu 5(2); ”

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President